MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2001

Avvi$Z Numru. 914/1997/1

Avviz Nru.: 914/97DM

Zircon Shipping Limited

Vs

Ronald Butler

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta’ seba’ mija u hmistax-il Lira Maltija (Lm715.00c) dovut lis-socjeta’ attrici bhala kumpens ghal hlas ta’ dazju u taxxa fuq il-Valur Misjud u dan kif miftiehem fl-iskrittura privata tas-16 ta’ Frar, 1995, li kienet saret bejniethom.

Bl-interess, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Marzu, 1997 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ronald Butler fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament illi skond il-kuntratt datat 16 ta' Frar 1995 il-konvenut accetta illi jhallas biss ghal dazju u spejjez ta' registrazzjoni, u fl-ebda kaz m'accetta illi jhallas ghal xi taxxa fuq il-valur mizjud;
2 Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost trid ghalhekk ukoll tingieb prova ta' kemm jammonta d-dazju u ta' kemm tammonta f'taxxa fuq il-valur mizjud, tenendo kont ukoll tal-fatt illi z-zewg taxxi legalment jeskludu lil xulxin;
3 Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont ta' dazzju u taxxa fuq il-valur mizjud, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza ma kienx jammonta ghall-ammont mitlub mis-socjeta attrici;
4 Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta attrici naqset li tikkonsenja l-oggetti kollha miftiehma skond l-istess kuntratt datat 16 ta' Frar 1995, u ghalhekk in pessima ipotesi il-valur ta' dawn l-oggetti ghandu jigi mnaqqas mill-ammont rikjest mis-socjeta attrici;
5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet it-trattazzjoni;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-bejgh tal-magni in kwistjoni kien gie rregolat bl-iskrittura tas-16 ta' Frar 1995 redatta mill-Avukat Dr Patrick Spiteri. Din tipprovdi ghall-bejgh ta' zewg magni

forniti b'li- 'stern drives', kollox 'tale quale' u, oltre l-prezz ta' Lm4000 ix-xerrej, konvenut, intrabat li jhallas "all duties and registration fees in respect of their transfer and new registration"

Dwar ir-registration fees' ma tirrizultax kontestazzjoni bejn il-kontendenti, izda l-konvenut isosstni fl-eccezzjonijiet tieghu illi l-kelma 'duties' ma tinkludix it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li allura kellha tkun a kariku tal-vendituri tal-atturi.

Mill-provi jirrizulta ppruvat illi biex setghu jigu ttrasferiti l-magni, kien hemm obbligu ta' pagament ta' 2.5% bhala dazju u 15% bhala VAT, kif jikkonferma Alfred Zammit (ufficjali tad-Dwana), li ghalhekk fuq valur ta' Lm4000 jammontaw rispettivament ghas-sommom ta' Lm100 u Lm600, total ta' Lm700 li jifformaw parti mill-ammont imhallas mill-atturi fl-10 ta' Jannar 1997 (Dok 2 a fol. 12).

Izda fid-deposizzjoni tieghu, il-konvenut kien xi ftit konfuz fuq il-vera opposizzjoni tieghu ghat-talbiet attrici. Infatti jammetti li ghandhu jhallas is-Lm600 bhala VAT li izda mhux id-dazju billi jsosstni li l-magni ma kienux soggetti ghad-dazju.

Dan pero mhux korrett, billi kif digia inghad hawn fuq, gie ppruvat li l-magni kienu soggetti kemm ghall-VAT kif ukoll ghad-Dazju.

Inoltre bix-xiri tal-magni il-konvenut ghandhu jkun meqjus bhala l-importatur taghhom u bhala tali ghandhu jkun tenut li jhallas  dak kollhu dovut in konnessjoni ma' l-importazzjoni u trasferiment taghhom u huwa f'dan is-sens li ghandha tigi nterpretata l-kelma 'duties' wzata fl-istess skrittura.

Ghalhekk il-konvenut huwa tenut li jirrifondi lill-atturi s-somma ta' Lm700.

Il-konvenut jikkontendi wkoll li l-atturi m'ghanlux konsenja kompleta tal-magni mixtrija u ghalhekk ghandhu jigi

akkreditat bil-valur tal-‘parts’ neqsin u li huwa kellhu jixtri separatament.

Evidentement il-Qorti ghandha tikkunsidra biex dak li gie espressament mftiehem fl-imsemmija skrittura. Dak kollha li setgha ntqal u li ma giex inkorporat fl-iskrittura ma jifformax parti mill-bejgh sotto ezami.

F’dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma dak li stqarr Philip Galea Souchet li meta tinbiegh magna din m’ghandiex tigi meqjusa li tinkludi wkoll xi apparat tal-isteering jew ‘propellers’. Izda l- istess ma jistghax jinghad meta fil-bejgh jigu specifikati wkoll li ‘stern drives’. Il-propellers ghandhu jitqiesu li jifformaw parti integrali tad-drives senjatament meta fil-ftehim jigu specifikati wkoll l-istess drives li dak inhar tal-bejgh kienu ghadhom inwahhlin mad-drives u hekk ispezzjonati mill-konvenut.

Mid-dokument C a fol 39 tal-process jirrizulta li propeller gdid jiswa Lm135 u ghalhekk ‘arbitrio boni viri’ qed tistma l-valur taz-zewg propellers uzati fis-somma ta’ Lm150 li fiha l-konvenut ghandhu jkun ikkompensat.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici limitatament fis-somma ta’ hames mija u hamsin lira (Lm550) u tikkundanna lill-konvenut li jhallas din is-somma lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Bl-imghax legali b’effett mill-5 ta’ Mejju 1997.

Bl-ispejjez jithallsu in kwanti ghall-kwart (1/4) mill-atturi u tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------